MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 64/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li tghid hekk:

“ Ghid inti konvenuta ghaliex ma ghandekx tigi kkundanata hallas l-ammont ta’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm123.40c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-10 ta’ Awissu 2004 bejn il-vettura misjuqa minnek Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni CBD 034 u l-vettura Maruti Omni bin-numru tar-registrazzjoni JAP 296 , proprjeta’ u misjuqa minn Anthony Micallef.

Dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek minhabba illi inti b’negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamneti tat-traffiku inqast milli zzomm a proper look out u partikolarment irriversjajt il-vettura tieghek ghal fuq il-vettura tal-esponenti b’mod illi hbatt bil-bumper tieghek ma;madguard tieghu waqt illi inti kont hierga mill-parkegg ghal gol-karreggjata principali.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali datata Jannar 2005 u l-ittra ufficjali  prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz lill-kumpannija assikuratrici tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunta.”

Ra li l-konvenuta  giet debitament notifikata bl-avviz  fit-9 t'Awwissu 2005;

Ra l-kapitoli ipprezentati mis-socjeta' attrici  fis-seduta tallum

Billi ghalkemm imsejjha tlett darbiet il-konvenuta ma deheritx  u dan bla ma giebet ebda  raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet  ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' LM123.40 ammont  ta' danni sofferti mis-socjeta attrici kawza ta' incident awtomobilistiku  bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------